32005D0810

L 304/16 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 23.11.2005

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## ta' l-14 ta' Novembru 2005

## li taħtar membru Franċiż għall-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

(2005/810/KE, Euratom)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 259 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 167 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/758/KE, Euratom tas-17 ta' Settembru 2002 li taħtar il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perijodu mill-21 ta' Settembru 2002 sa l-20 ta' Settembru 2006 ([1]),

Billi post ta' membru f'dak il-Kumitat jinsab battal wara r-riżenja tas-Sur Claude CAMBUS, li dwarha l-Kunsill ġie infurmat fil-25 ta' Lulju 2005;

Wara li kkunsidra n-nomina preżentata mill-Gvern Franċiż

Wara li kiseb l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Is-Sur Georges LIAROKAPIS huwa b'dan maħtur membru tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew minflok is-Sur Claude CAMBUS għall-bqija tal-mandat ta' dan ta' l-aħħar, li jgħodd sa l-20 ta' Settembru 2006.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu jkollha effett mill-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Magħmula fi Brussel, nhar il-14 ta' Novembru 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
T. JOWELL

([1]) ĠU L 253, 21.9.2002, p. 9.